**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 15 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 10**
**Rik. Gur. Nru. 1124/14 JZM**

**Maromas Italia S.R.L (Kumpannija registrata fl-Italja bin-numru tar-registrazzjoni 06477310962)**

***kontra***

**BFL Distributors Limited (C 48906)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fl-<u>10 ta` Dicembru 2014</u> li jaqra hekk –

*(1) Illi s-socjeta` intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta` tnax-il elf, tliet mija u sittin Euro (€12,360) piu` imghaxijiet u spejjez gudizzjarji, rapprezentanti prodotti kkonsenjati mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata fuq inkarigu tas-socjeta` intimata stess, kopja tal-fattura relattiva bin-numru MRM027220909IP qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok MII' ;*

*(2) Illi minkejja li s-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-imsemmija fattura lir-rikorrenti, inkluz permezz ta` Applikazzjoni ghall-Ordni tal-Hlas Ewropea, kopja ta` liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. MI2', u permezz ta` ittra ufficjali, kopja ta` liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok MS3', huma baqghu inadempjenti ;*

*(3) Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex dina l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta), stante illi dan il-kreditu ta` tnax-il elf, tliet mija u sittin Euro (€12,360) [piu` imghaxijiet u spejjez], huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata m`ghandhiex eccezzjonijiet x`taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;*

*(4) Illi s-socjeta` intimata taf b`dawn il-fatti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, tghid is-socjeta` intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna :*

*1. Tilqa` t-talba tar-rikorrenti u taghti sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skont l-Artikolu 167 et sequentia tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*2. Tiddikjara lis-socjeta` intimata veri, certi u likwidi debituri versu r-rikorrenti fis-somma ta` tnax-il elf, tliet mija u sittin Euro (€12,360).*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex minnufih thallas is-somma ta` tnax-il elf, tliet mija u sittin Euro (€12,360), lis-socjeta` rikorrenti, bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` intimata, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 2830/14 u tal-Applikazzjoni ghall-Ordni ta` Hlas Ewropea, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat ix-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti prezentati mar-rikors guramentat.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta` Jannar 2015, wara li sabet illi s-socjeta` konvenuta ghandha *prima facie* eccezzjonijiet x`taghti fid-dritt u fil-fatt kontra t-talbiet attrici, il-Qorti tat lis-socjeta` konvenuta zmien ghoxrin gurnata sabiex tipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fid-9 ta` Frar 2015 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti u dana ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub ma huwiex reali.*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati mis-socjeta` konvenuta.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2015, id-difensur tas-socjeta` konvenuta ccara t-tieni eccezzjoni fis-sens illi bil-kliem *l-ammont mitlub ma huwiex reali* riedet tfisser illi *l-ammont mitlub huwa eccessiv.*

**Rat illi fl-istess udjenza, il-Qorti tat direzzjoni lill-partijiet fis-sens illi kellhom iressqu provi limitatament dwar l-ewwel eccezzjoni, sabiex imbaghad taghti sentenza dwarha.**

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta` April 2015 id-difensur tas-socjeta` konvenuta ddikjara li ghall-fini tal-prova tal-ewwel eccezzjoni, is-socjeta` konvenuta kienet qeghda toqghod fuq l-atti akkwisiti.

Semghet ix-xiehda ta` Dr Massimo Hakim fl-istess udjenza u rat id-dokumenti li pprezenta bhala prova.

Semghet ukoll fl-istess udjenza ix-xiehda ta` Kenward Cole.

Rat illi l-gbir tal-provi dwar l-ewwel eccezzjoni kien konkluz fl-istess udjenza.

Rat id-digriet moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Dr Massimo Hakim** xehed illi huwa d-direttur manigerjali u azzjonista tal-kumpannija attrici li topera fin-negozju tal-bejgh tal-kafe. Il-brand tal-kafe` taghhom jisimha *Maromas*. Is-socjeta` konvenuta kellha tiehu hsieb id-distribuzzjoni ta` l-kafe` taghha gewwa Malta. In-negozju mas-socjeta` konvenuta sar fl-2009. Il-kafe` kien konsenjat lis-socjeta` konvenuta f`Ottubru 2009 u dik kienet l-unika okkazjoni fejn sar negozju bejn iz-zewg kumpanniji. Stqarr illi Kenward Cole tas-socjeta` konvenuta kien talbu jipprovdilu magni tal-kafe biex ikun jista' jippromwovi ahjar il-prodott. Is-socjeta` attrici kienet lesta tidhol ghall-ispiza li tikkonsenja l-magni tal-kafe` fil-kaz li s-socjeta` konvenuta taghmel aktar ordnijiet maghha izda dan il-fatt qatt ma mmaterjalizza ; mhux biss izda s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallset xejn mill-konsenji li rceviet minghandha.

Kompla jixhed illi bejn il-partijiet ma kienx ftehim bil-kitba. Dwar il-kondizzjonijiet tal-hlas, ix-xhud stqarr illi s-socjeta' konvenuta ried credit terms ta' sittin (60) gurnata u s-socjeta` attrici accettat. Skond is-socjeta` konvenuta, il-pagament dovut baqa` ma sarx minhabba problemi ta` *cash flow*. Is-socjeta` konvenuta qatt ma lmentat li kien hemm xi nuqqas da parti tas-socjeta` attrici sabiex ma hallsitx. Huwa ttratta dejjem ma` Kenward Cole. L-ammont dovut qatt ma kien kontestat mis-socjeta` konvenuta. Qal illi l-ahhar komunikazzjoni li kellu

mas-socjeta` konvenuta kien fl-2012. Ikkonferma li s-socjeta` attrici pprezentat ittra ufficjali kif ukoll istitwiet il-procedura tal-European Court Order.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud stqarr illi kien hemm ukoll komunikazzjoni mal-kollega tieghu Dott. Sosic li llum m`ghadux pero` nvolut fis-socjeta` attrici ghaliex ix-xhud akkwista l-ishma li Sosic kellu fis-socjeta`. Jaf illi sakemm Sosic dam involut, huwa kien talab lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas.

Ix-xhud ipprezenta bhala Dok MI1 skambju ta` emails bejn ir-rapprezentanti tal-partijiet, u bhala Dok MI1 dokument tal-ispedizzjoni tax-xoghol.

**Kenward Cole** bhala rappresentant tas-socjeta` konvenuta xehed illi s-socjeta` konvenuta timporta prodotti tal-ikel sabiex tqassamhom fil-hwienet u postijiet ohra. Ikkonferma li kien hemm komunikazzjoni mas-socjeta` attrici fl-2009 meta saret ordni ta` kafe` ghad-distribuzzjoni ghal darba wahda biss. Qal li ma jafx jekk kienx thallas l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici. Stqarr li kien sorpriz hafna meta kien rinfaccjat bil-kawza tal-lum billi kien ghadda z-zmien u ghalih il-kaz kien maghluq.

## III. Konsiderazzjonijiet

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **"Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria Deguara noe"** kien ritenut illi –

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

(ara wkoll "**Holland noe vs Chetcuti**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**Vella vs Cefai**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Portelli vs Psaila" -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**Causon noe vs Sheibani**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**Camilleri vs Frendo**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**Borg vs Testaferrata Bonici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

In partikolari fis-sentenza "**<u>Causon vs Sheibani noe</u>**" il-Qorti qalet –

"*Illi min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**<u>Calleja vs Vella</u>**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**<u>"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"</u>** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"<u>Ellul noe vs Vella noe</u>"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001). Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

**Fil-kaz tal-lum, bl-ewwel eccezzjoni, is-socjeta` konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art 2148(b) tal-Kap 16.**

Id-disposizzjoni in kwistjoni tghid illi *l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut ... jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax –il xahar.*

Il-Qorti trid tistharreg jekk l-Art 2148(b) tal-Kap 16 ighoddx ghall-kaz tal-lum.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-5 ta` Ottubru 2010 fil-kawza "**<u>Aronne *sive* Ronnie Barbara vs Andrew Schembri</u>**" kien imfisser illi :-

"*… ma jidhirx li huwa l-każ li l-bejgħ mertu ta' din il-kawża jista' jitqies bħala bejgħ bl-imnut. Generalment, biex wieħed jasal ħalli jiddetermina jekk bejgħ sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wieħed għandu jħares lejn il-bejgħ partikolari u l-għamla tiegħu (P.A. 25.4.1964 fil-kawża fl-ismijiet '<u>Delia noe vs Testaferrata Abela</u>' (Kollez. Vol: XLVIII.ii.959)*

*Normalment, biex bejgħ jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgħ kien wieħed magħmul lil konsumatur għall-użu personali tiegħu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgħ bl-imnut jingħaraf minn bejgħ bl-ingrossa billi f'dan tal-aħħar il-bejgħ isir lil xerrej li jkun sejjer jagħmel negozju bi jew minn fuq il-ħaġa mixtrija (Kumm. 5.6.1951 fil-kawża fl-ismijiet '<u>Cini vs Debono</u>' (Kollez. Vol : XXXV.iii.613)*

*Imma din m'hijiex regola inflessibbli, minħabba li grossista jista' jagħmel bejgħ bl-imnut, ukoll fejn ix-xerrej ikun kummerċjant ieħor ( Ara, per eżempju, App. Civ. 18.1.1993 fil-kawża fl-ismijiet '<u>Fenech noe vs Camilleri</u>' (Kollez. Vol: LXXVII.ii.175.)*

*Madanakollu, meta wieħed iqis għamla ta' negozju bħal dak li għamlu bejniethom l-attur u l-imħarrek, wieħed ma jsibx li dan jikkwalifika bħala bejgħ bl-imnut u għalhekk ukoll l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili ma kienx jgħodd għalih (Ara P.A. JZM 28.1.2010 fil-kawża fl-ismijiet '<u>Geranzio Azzopardi vs Carmelo Bezzina et</u>')"*

Fis-sentenza li tat fl-1 ta` Novembru 2013 fil-kawza "**<u>Emanuel Spiteri vs Francis Mifsud et</u>**" din il-Qorti qalet hekk :-

*"Il-qorti ma taqbilx mal-konvenuti li l-bejgh kien bl-imnut. Il-konvenut kien jixtri l-aluminju biex imbaghad juzah fil-workshop tieghu biex jipproduci oggetti tal-aluminju u jbieghhom lill-kljenti tieghu. Fil-kawza "<u>Geranzio Azzopardi vs Carmelo Bezzina et</u>" deciza fit-28 ta' Jannar 2010, il-Prim'Awla osservat :-*

*'Fil-bejgh bl-imnut huma nkluzi dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta' konsum ta' kuljum tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux (Vol.XLV.III.813).*

*Dan ifisser li fil-kaz tal-Art.2148(b) il-ligi taghna thares lejn il-bejgh partikolari in kwistjoni per se mhux lejn il-kwalita' tal-persuni li jeffettwaw dak il-bejgh u cioe' jekk humiex abitwalment fil-kummerc jew le (Vol.XLVIII.II.959).*

*Il-ligi taghna ma taghmilx distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa. Din id-distinzjoni evolviet permezz ta' l-gurisprudenza fejn kien stabbilit il-kriterju distintiv ewlieni bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa. Infatti fejn il-prezz reklamat huwa ghal merce destinata biex terga' tinbiegh jew inkella biex tinhadem f'oggett iehor (Vol.XXIII.I.909) jew fejn isir bejgh lil persuni li jaghmlu negozju mill-merce mibjugha fi kwantita' apprezzabbli, allura dak huwa bejgh bl-ingrossa ("<u>Borg vs Bonello et noe et</u>" – Appell Civili – 22 ta' Gunju 1970). Min-naha l-ohra il-bejjiegh bl-imnut vende per lo piu' a compratori e in piccole quantita'*

*misurata al bisogno di costoro (Vol.XXI.III.235 ; Vol.XXI.I.406 u "<u>Grech vs Spiteri et</u>" Appell – 25 ta' Mejju 2001).'*

*Meqjusa l-fatti ta' dan il-kaz, l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili1 ma japplikax."*

Fis-sentenza li tat fit-12 ta` Jannar 2015 fil-kawza "**<u>Master Electric Company Limited vs Raymond Casha et</u>**" il-Qorti tal-Magistrati (Malta) qalet hekk :-

*"Mill-provi migjuba ma jirrizultax car jekk il-merkanzija in kwistjoni inxtratx bl-imnut jew bl-ingrossa. Dak li jirrizulta huwa li l-konvenuti kienu fi shab bejniethom u l-affarijiet li kienu jixtru kienu jixtruhom ghal xoghol li kienu qed jaghmlu gol-kumpless ta' Portomaso. Di fatti s-socjeta' attrici kienet fethet kont f'isem iz-zewg konvenuti.*

*Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-sentenza deciza fis-26 ta' Mejju 1967 fl-ismijiet '<u>Emmanuele Micallef et vs Francis Mercieca</u>' il-Qorti irriteniet :-*

*'Illi l-ligi taghna in materja ma segwitx it-test tal-ligi Taljana u Franciza li generalment servew lill-legislatur taghna ta' modell. Dawn jittrattaw dwar krediti ta' kummercjanti ghall-prezz ta' merci minnhom mibjugha, skond l-artikolu 2139 tal-Kodici Taljan tal-1865 lil 'persone che non ne fanno commercio", u skond l-artikolu 2272 tal-Kodici Franciz lil 'particuliers non marchands.'*

*Illi minn dan jidher li d-distinzjoni fondamentali li ried jaghmel il-legislatur taghna kienet bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa. Il-kriterju distintiv gie delineat f'paragrafu, in segwitu ripetutament citat, tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc presjeduta mill-Imhallef Paolo Debono fil-15 ta' Novembru 1892 fl-ismijiet '<u>Attard vs. Refalo</u>' :*

*'La legge non definisce i relative concetti del grande e del piccolo commercio ; del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto ; ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e che il primo vende per lo piu coloro i quali commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende per lo piu ai consumatori e in piccolo quantita misurate dal bisogno di costoro' (Koll. Vol. XIII 294).*

*Illi accettat dan in linea ta' principju, din il-Qorti fis-sentenza (Appell Inferjuri) tas-17 ta' Jannar 1912 fl-ismijiet '<u>Fenech vs. Galea</u>' (Koll. Vol. XXL.i.406) opportunatament aggungiet illi l-ligi fid-diposizzjoni in ezami ma tharisx lejn dik li tista' tkun il-professjoni abitwali tant tal-grossista kemm tal-dettaljatur, imma thares biss lejn il-vendita fiha innifisa "e se questa e fatta a minuto, cioe in piccole*

*partite, essa soggiace alla prescrizione breve di diciotto mesi, sia che venga fatta dal negoziante all'dettagliatore sia che da quest'ultimo si faccia al consumatore, potendo darsi il caso che anche il grossista rivenda in qualche caso particolare le sue merci in dettaglio.'*

*Issa huwa principju baziku tal-ligi tal-procedura li min jallega irid jipprova. Il-konvenut Martin Curmi ma ressaq l-ebda prova li hu u l-konvenut l-iehor kienu jixtru minghand is-socjeta attrici bl-imnut u mhux bl-ingrossa. Anzi mill-provi il-fatt li l-invoices bejn Gunju 2003 u l-15 ta' Settembru 2003 kienu jammontaw ghas-somma ta' LM4350.00 – li minnhom il-konvenut Raymond Casha hallas in-nofs – jindika li l-konvenuti kienu jixtru f'ammonti kbar.*

*Ghaldaqstant, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepita qieghda tigi respinta.'*

Meqjusa l-fatti tal-kawza tal-lum, fl-isfond ta` l-gurisprudenza fuq riferita, huwa evidenti li l-bejgh li ghamlet is-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta ma kienx bejgh bl-imnut. Tal-lum ma kienx mahsub miz-zewg partijiet li jkun bejgh lil konsumatur ghal uzu personali izda kien appositament intiz sabiex is-socjeta` konvenuta takkwista l-kafe sabiex bih taghmel negozju billi min-naha taghha tbieghu u tqassmu fil-hwienet u fir-ristoranti ta` dawn il-Gzejjer. Ladarba jirrizulta ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-oggett tal-bejgh ma kienx ghal uzu personali izda ghan-negozju, allura l-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar skond l-Art 2148 tal-Kap 16 ma tista` tigi eccepita.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cioe` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**